# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166   Fax : 21662266
e.mail : **birgu.lc@gov.mt**    website : **www.birgu.gov.mt**


20 t'Awwissu, 2012

# Minuti tal-laqgha 06(06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal laqgha numru 06(06) fl-ufficini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza nhar it-Tnejn 13 t'Awwissu, 2012 fis-6:30 ta' filghaxija.

## Prezenti

Is-Sindku s-Sur John Boxall, il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi, il-Kunsillier Anton Gellel u l-Kunsillier Lawrence Attard

Il-Kunsillier Alan Cassar nghaqqad ghal laqgha fi sebgha u ghoxrin ta' filghaxija (7:20pm)

## Talba.

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u tah bidu ghal laqgha.

## 1. Qari u Approvazjoni tal-Minuti

1.1 Item 1.2 (05/06) Gemellag mal-port ta' St. Tropez.

Is-Sindku, s-Sur John Boxallipprezenta ittra mibghuta lis-Sindku tal-Belt ta' Saint Tropez fi Franza, s-Sur Jean Pierre Tuveri, fejn ghan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, ghal darb'ohra rringrazzjah ta' l-ospita li giet pprezentata lilu u lil Kunsillier Anton Gellel, fil-jiem li ghaddew gewwa din il-Belt, u barra min hekk, stiednu sabiex fi 19 t'Ottubru, 2012, jigi ffirmat l-ftehim ta' gemellag bejn il-port ta' St. Tropez u l-port tal-Birgu. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex terga' tintbaghat ittra bhala *reminder*. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.3 Item 1.7 (05/06) Uzu taz-zona ta' Couvre Porte ghal attivitajiet bhala tigijiet, *parties*

Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex fir-revizjoni tal-kuntratt ghal uzu taz-zona ta' Couvre Porte, jigi nkluz ukoll li jekk jintuza l-konsum tad-dawl mil-Kunsill Lokali tal-Birgu, d-donazzjoni lill-istess Kunsill ghandha tkun ta' € 1500, izda l-Kunsill jissugerixxi li

1.3 Item 1.5 (04/06) Taghrif dwar il-progett "SECRET"

Is-Sindku s-Sur John Boxall, tah rendikont tas-sitwazzjoni tal-progett "SECRET" u hawnhekk qarha korrispondenza mibghuta lis-Sur Manos Vougioukas dwar l-istess progett.

Barra min hekk, is-Sindku pprezenta korrispondenza mibghuta, is-Sur Manos Vougioukas fejn nforma lil partecipanti tal-progett "SECRET", dwar progett iehor biex jissiehbu fih, fejn il-finanzjament ghal dan il-progett huwa ta' 75% mil-ispejjez eligibli. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill juri l-interess tieghu ghal dan il-progett, izda jfakkar lis-Sur Vougioukas dwar l-progett pendent, l-progett SECRET.

1.4 Item 1.16(05/06) Taghrif dwar il-progett taht is-Sejha "Youth in Action"

Il-Vici Sindku tah rendikont tal-progett li l-Kunsill ser japplika ghalih taht is-sejha "Youth in Action". Is-Sur Trevor Mizzi, Vici Sindku qal li ghal dan il-progett hemm bzonn li l-partecipanti jaghmlu kors ta' "food handling" u zied jghid li dan il-kors jekk issir "in house" fl-iskola ta' l-ITS, dan il-kors ser ikun ta' € 25, filwaqt li jekk issir il-Kunsill, dan il-kors ser ikun ta' € 30. Wara diskussjoni, s-Sindku s-Sur John Boxall, issugerixxa sabiex in-numru ta' partecipanti f'dan il-progett ikun ta' ghaxar Zghazagh, hames tfajliet u hames guvintur, u l-eta trid tkun bejn sittax u hamsa u ghoxrin sena. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.5 Item 2.3 (05/06) Kwotazzjoni ghal air condition ghal ufficju aministratttiv il-gdid

Is-Sindku pprezenta tlett kwotazzjonijiet ghal *aircondition* ghal ufficju amministrattiv il-gdid gewwa l-Berga ta' Franza, dik tal-Kumpanija CAS Ltd. ghal prezz ta' € 845, dik tal-kumpanija "SJK Operations" ghal prezz ta' € 2058 u dik tal-kumpanija "Daikin" ghal prezz ta' € 1950. Wara diskussjoni u wara parir li nghata mil-Engineer tal-Kunsill is-Sur Renzo Curmi, s-Sindku ssugerixa sabiex il-Kunsill jaghzel l-irhas offerta dik tal-kumpanija CAS Ltd. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.6 Item 2.4 (05/06) Kwotazzjoni ghal hjata tal-bnadar tal-Belt tal-Birgu

Is-Sindku nforma loil Kunsilliera li d-drapp u l-hjata tal-bandiera tal-belt tal-birgu tal-qies 18-il pied bi 12-il pied nghatat bhala donazzjoni mil-Kunsillier Anton Gellel. Hawnhekk, is-Sindku ghan-nom tal-Kunsill irringrazzja lis-sur Anton Gellel ghal dan il-gest.

1.7 Item 2.5(05/06) Memo 26/2012 – Car Free Day

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsill li l-applikazzjoni ghall-attivita tal-Car Free Day biex issir bi 16 ta'Settembru, giet approvata.

1.8 Item 2.7(04/06) Il-Progett "Create, Connect, Play"

Is-Sindku s-Sur John Boxall nforma lil Kunsilliera prezenti li l-ko-ordinatur tal-progett "Create, Connect, Play" accetta li l-Kunsill Lokali tal-Birgu jkun membru f'dan il-progett.

1.9 Item 3 (05/06) Zjara tal-Kardinal Prospero Grech.

Is-Sindku tah rendikont taz-zjara ta’ l-Eminenza Tieghu, l-Kardinal Prospero Grech, fejn sostna li l-attivitajiet kienu marru tajjeb hafna. Hawnhekk, is-Sindku qal li barra li nghata Gieh Jum il-Birgu lil Kardinal, is-Sur Lino Bugeja, issugerixxa sabiex jinghata ukoll bhala rigal il-ktieb “Birgu – A Maritime City”. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 2. Korrispondenza

2.1 Monument f’gieh Mons. Mikiel Gonzi.

Is-Sindku pprezenta korrispondenza mibghuta mis-Sur Charles Bonello, Chariman,tal-kumitat ghat-titjib tal-ambjent, fejn nforma lil Kunsill lki l-Kumitat ghat-titjib tal-ambjent huwa interessat fil-proposta tal-Kunsill sabiex fil-Belt tal-Birgu jitwaqqaf monument f’gieh Mons. Mikeil Gonzi fil-Birgu u dan il-kumitat lest li jikkolobara mal-Kunsill. Is-Sindku qal li sa issa l-Kunsill ghadu ma rcieva l-ebda risposta min-naha tal-Kapitlu tal-Knisja Kollegjata ta’ San Lawrenz.

2.2 Skema Ghajnuna lil Kunsill Lokali li ghandhom ir-responsabilta ta’ librerija lokali

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-Kunsill Lokali tal-Birgu nghata l-ammont ta’ € 582 f’ghajnuna ghal librerija regjonali taht l-iskema ghajnuna lill-Kunsilli Lokali li ghandhom ir-responsabilta ta’ librerija lokali.

2.3 Malta Film Fund

Il-Kunsillier Alan Cassar tah rendikont ta’ l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ghal Malta Film Fund, fejn wara konferenza li saret, il-Kunsill gie nfurmat li ma jistax jippartecipa u jitfa’ l-applikazzjoni tieghu peress li l-applikanti iridu jkunu kumpaniji registrati ma’ l-MFSA>

Hawnhekk, is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera li l-Malta Film Commission ghogobha taghti donazzjoni ta’ ghaxar tabelli indikattivi lil istess Kunsill.

2. 4 Ktieb mis-Sur Michael Galea.

Is-Sur John Boxall, Sindku, ipprezenta kopja ta’ ktieb ippreparat mis-Sur Michael Galea, dwar in-niccec li wiehed isib fil-Belt tal-Birgu. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li s-Sur Galea talab sabiex il-Kunsill jghinu biex issib “sponsor” biex dan il-ktieb jigi ppublikat. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex issir *data verification*, kif ukoll jintalbu kwotazzjonijiet sabiex jigi ppublikat dan il-ktieb.

2.5 Korrispondenza mal-MEUSAC

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li s-Sur Tony Cassar, Direttur tal-kumpanija “Cyberspace” qed jghin lil Kunsill Lokali tal-Birgu biex japplika ghal progett taht is-sejha “ERDF” sabiex fil-belt tal-Birgu jigu nstallati “information kiosks” ghal pubbliku. Is-Sindku zied jghid li l-istess Kunsill

bghat korrispondenza lil Agenzija MEUSAC sabiex huma ukoll jghinu lil Kunsill fl-applikazzjoni ta' dan il-progett.

2.6 Kwotazzjoni ghal 16-il bollard

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal li wara laqgha ma' l-ispettur Frankie Sammut, gie ssugerit sabiex fil-lokalita jigu nstallati 16-il bollar, sabiex jghinu lil Pulizjia jikkontrollaw it-traffiku waqt l-attivitajiet. Hawnhekk, is-Sindku pprezenta kwotazzjoni minghand l-kumpanija Amabile Galea and Sons Ltd. ghal prezz ta' € 960 vat inkluz. Kif ukoll hames kwotazzjonijiet mil-kumpanija Parkwell International ghal prezzijiet ta' :
A. € 1604.80 vat inkluz, B. € 821. 28 vat inkluz, C. € 1484.54, vat inkluz, D. € 1524.58 E. € 1484.44. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja li jinsab fiha ghandu jiehu decizjoni aktar-il quddiem.

2.7 Gemellag mal-Villagg ta' Casorate Sempione, f'Sardegna.

Is-Sur John Boxall, Sindku pprezenta rapport tal-gemellag mal-Villagg ta' Casorate Sempione, f'Sardegna, sabiex jintbaghat ghall-approvazzjoni tad-Dipartiment ghal gvern Lokali. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova dan ir-rapport. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.8 Il-progett "Waterfront"

Is-Sindku tah rendikont tal-progett Waterfront, fejn l-Istitut tat-Turizmu fi hdan l-Universita talab l-assistenza tal-Kunsill Lokali tal-Birgu bhala osservatur f'dan il-progett. Is-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill ghandu jrui interess f'dan il-progett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.9 Stedina ghal konferenza "International Historic Towns" gewwa Dubrovnik fil-Kroazja.

Stedina sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jippartecipa fil-konferenza "International Historic Towns" gewwa Dubrovnik fil-Kroazja, bejn l-4 u l-5 t'Ottubru, 2012. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jiccekja fit-totalita taghha kemm ser tiswa l-partecipazjzoni tal-Kunsill f'din il-konferenza. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.10 Nicca tal-Madonna tad-Duluri fil-Main Gate ta' Couvre Porte.

Is-Sindku nforma lil Kunsill li wara xi ilmenti, gie nnutat li z-zewg pitturi bil-gwarnic tal-fidda li kien hemm fuq iz-zewg nahat ta' l-inkwatru tad-Duluri fil-Main Gate m'ghadhomx fil-post u wara li l-Kunsill stharreg mal-Perit Charles Buhagiar, l-propjetarju ta' din in-nicca, izda dan ukoll ma kienx jaf fejn qeghdin. Is-Sindku pprezenta korrispondenza mibghuta lil Perit Amanda Degiovanni, responsabli mil-progett ta' restawr fiz-zona ta' Couvre Porte, izda sal-llum l-Kunsill baqa' minghajr risposta. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex tintbaghat korrispondenza lil Perit Ray Farrugia, Direttur Generali fil- Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, Taqsima tax-Xogħlijiet . Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.11 Gbir tal-flixken tal-hgieg

Is-Sindku, nforma lil Kunsilliera li bi ftehim mal-Green MT, l-Kunsill ser jibda jigbor l-flixken tal-hgieg minghand ir-residenzi tan-nies. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.12 Premju Anzjan tas-sena 2012

Is-Sur John Boxall, Sindku pprezenta korrispondenza mibghuta mis-Segretarjat ghal kura ta' l-anzjani u l-komunita sabiex il-Kunsill tinnomina persuna ghal Premju ta' l-Anzjan tas-sena 2012. Is-Sindku talab lil Kunsillier Lawrence Attard sabiex jiehu hsieb din il-korrispondenza.

2.13 Kunsill Lokali Zghazagh 2012/2013

Korrispondenza mibghuta mil-Agenzija Zghazagh dwar il-Kunsill Lokali Zghazagh ghas-sena 2012/2013. Is-Sindku talab lil Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi sabiex jiehu hsieb dan il-progett minhabba li din taqa' taht ir-responsabilta tieghu.

2.14 Progett iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea , l-progett "E-Democracy"

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera l-interess tieghu sabiex jissieheb fi progettt iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea fi hdan l-Assocjazzjoni ALDA, l-progett "E-Democracy".

2.15 Il-progett "BRIDGE"

Sfortunatament, is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-progett "BRIDGE" li l-Kunsill issieheb fih bl-ghajnuna ta' l-Assocjazzjoni ALDA ma giex accettat biex jibbenifika mil-fondi ta' l-Unjoni Ewropea.

**3. Is-Settur Kummercjali**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jsejjah laqgha ghas-settur kummercjali z-zghir fil-lokalita tal-Birgu, sabiex tigi diskussa l-proposta biex il-pjazza, kif ukoll il-kummerc fil-lokalita tinzamm hajja. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**4. Is-Sitwazzjoni tal-knis u t-tindif fil-lokalita.**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti bis-sitwazzjoni prezenti tal-knis u t-tindif fil-lokalita. Il-Kunsill mhuux possibli li jibqa' b'din is-sitwazzjoni, fejn ta' kuljum ghadu qieghed jircievi diversi ilmenti tan-nies, liema ilmenti qed jigu sostnuti b'permezz ta' ritratti li jigu mehudha fil-presenza tal-kunsilliera. Wara diskussjoni, l-kunsillier Anton Gellel, ssugerixxa sabiex il-Kunsill jiehu parir ulterjuri u l-Kunsill jittermina l-kuntratt. Is-Sindku s-Sur John Boxall, issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**5. Is-sitwazzjoni tat-toroq**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera li hu flimkien mal-kunsillier Anton Gellel, kellhom laqgha mal-Perit Charlene Bonnici, perita responsabli mix-xogholijiet fi Triq San Lawrenz, fi hdan it-Transport Malta, li wara ftehim, l-Kunsill gie nfurmat li din it-triq ser issir bl-*imprint.* Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill qieghed jistenna d-data meta ser jibdew dawn ix-xogholijiet.

## 6. Il-progett "Coheirs" parti ffinanzjat mil-Unjoni Ewropea.

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-progett "Coheirs" – *Civic Obervers for Health and Environment : Initiative for Responsability and Sustainability"* taht il-fond *"Europe for Citizens Programme Action 1 Measure 2.1"* li l-Kunsill issieheb fih permezz ta' l-Assocjazjoni ALDA, gie approvat ghal fondi

## 7. Il-progett "DECIDE" parti ffinanzjat mil-Unjoni Ewropea

Il-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil kunsilliera li l-Assocjazzjoni ALDA accettat li l-Kunsill Lokali tal-Birgu jkun msieheb fil-progett "DECIDE" – "Democratic Compact: Improving Democracy in Europe" taht is-sejha *Europe for Citizens programme Action 1, Measure 1.2, Thematic Networking of Twinned Towns.* Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 8. L-attivita tal-BirguFest 2012

Is-Sur John Boxall, Sindku tah rendikont tal-preparamenti li qeghdin isiru ghal l-attivitajiet tal-BirguFest 2012. Is-Sindku fakkar lil Kunsilliera li nhar il-Hamis 16 t'Awwissu, 2012, ser issir it-tielet laqgha tas-sotto kumitat tal-BirguFest, 2012.

## 9. Jum il-Birgu, 2012

Is-Sindku tah rendikont tal-preparamenti li qeghdin isiru ghall-attivitajiet inkonessjoni ma' l-attivita ta' Jum il-Birgu, 2012. Is-Sindku zied jghid li qeghdin isiru l-preparamenti mehtiega biex f'Jum il-Birgu jsir il-ftuh ufficjali ta' l-ufficini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza. Barra min hekk, sostna li jkun important ukoll li titella' informazzjoni fuq il-progett Oralities. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 10. Affarijiet Ohra

10.1 Lista ta' pagamenti.

Is-Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Is-Sindku ssuggerixxa sabiex din il-lista tigi approvata. Is-Sur Anton Gellel, Kunsillier, issekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-Laqgha ntemmet fl-10 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| Christine Bonello<br>Segretarja Ezekuttiva | ikkonfermati John Boxall<br>Sindku |